VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,111, 19 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 212 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2013 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2013 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' European Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 119 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 1 tal-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji, li għandu jinkludi membru minn kull Università Msieħba, maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Human Language Science and Technology – M.Sc. (HLST);

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Universitajiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li ġejjin:

Saarland University, Germany (Co-ordinating University)
University of Trento, Italy
University of Malta, Malta
University of Lorraine, France
Charles University, Prague, Czech Republic
University of Groningen, The Netherlands
Shanghai Jiao Tong University, China
University of Melbourne, Australia
University of the Basque Country UPV/EHU, Spain."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
50% - 54%	D
45% - 49%	E
0% - 44%	F"